Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

Illum, l-15 t'April 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christina Delia)**

**vs**

**Ahmad Ilewi**
**(104865A)**

**Kump Numru: 53/2020**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijet kontra Ahmad Ilewi ta' 39 sena mwieled gewwa Homs, is-Sirja nhar l-1 ta' Dicembru 1980 iben Ali u Jouida nee` Kalaf Ali u residenti Nru. 69, Flower, Flat 1, Triq il-Gummar, Birkirkara, detentur ta' karta ta' l-identita Nru 104865A.

Fejn huwa gie akkuzat talli nhar l-5 ta' Frar 2020 ghal-habta ta' bejn it-tmienja (08:00Hrs) u d-disa` (09:00Hrs) ta' filghodu gewwa Triq il-Gummar, Birkirkara: -

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura Hafifa fuq il-persuna martu Tourkia Alhmadh

skond kif giet iccertifikata minn Dr. Amalia Camilleri Bonello Nru.Reg.2541 ta` Centru tas-Sahha Birkirkara;

U aktar talli nhar il-5 ta' Frar 2020 u/jew fil-granet u xhur ta' qabel gewwa Birkirkara u f'lokalitajiet ohra f'dawn il-Gzejjer:

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lill martu Tourkia Alhmadh biza li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha;

3. Ghamel lill martu Tourkia Alhmadh ingurji u/jew theddid mhux msemmija band'ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti hija gentilment mitluba li titratta lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta hu kien gie misjub hati u ikkundannat ghall-reati, b'sentenzi ta' reati maltin, liema sentenzi saru defenittivi.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kas ta htija jigu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti hija gentilement mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' martu Tourkia Alhmadh billi jigu applikati l-provvedimenti ta' l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali datat 6 ta' Frar 2020 sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020, il-Qorti harget Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat Ahmed Ilewi (*a fol.42*) u Digriet u Kundizzjonijiet ghall-Helsien mill-Arrest (*a fol.43*).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020, l-imputat irregistra ammisjoni.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet rigward il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar l-piena l-Qorti kkunsidrat in-natura tar-reat li dwarhom qed tinstab htija, tal-fedina penali ta' l-imputat, ta' l-ammissjoni tieghu u tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz.

Illi l-Uffiċjal Prosekutur tenniet li l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz tesigi li ghanda tinghata piena idonea sabiex l-imputat jkun jistgha jinghata l-ghajnuna li ghandu bzonn.

Illi minn naħa tagħha d-Difiża aderiet mas-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni filwaqt li sahhqet li l-imputat ammetta fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri u li f'dan il-każ, jkun aktar idoneju illi fic-cirkostanzi l-imputat jittpogga taht Probation Order, sabiex ikun jistgha jiehu l-kura necessarja, u dan peress illi huwa evidenti li l-imputat ghandu bzonn ghajnuna psikologika, rigward anger management.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikoli 7, 31, 49, 50, 202(h), 221(1) 222(1)(a), 251B(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lil imputat Ahmad Ilewi hati tal-imputazzjoniet migjuba fil-konfront tieghu u qed tordna li, ai termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil imputat Ahmad Ilewi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati Ahmad Ilewi b'**Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-protezzjoni ta' **Tourkia Alhmadh** Il-Qorti fissret lil imputat Ahmad Ilewi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-parte civile **Tourkia Alhmadh ai termini tal-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lil imputat Ahmed Ilewi b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma jimmolestax, ma jdejjaqx u ma jingurjax lil parte civile **Tourkia Alhmadh.**

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Ahmad Ilewi. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lil Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur ta' l-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat

Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**ORDNI TA' PROBATION**
**(MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum l-15 t'April 2021**

**Il-Pulizija**
**Versus**
**Ahmad Ilewi**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, **Ahmad Ilewi** detentur tal-karta tal-identita' numru **104865A**, ġie misjub ħati kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation, hu ġie mpoġġi taħt Ordni ta' Probation ai termini ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lil ħati bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk jonqos li jħares din l-Ordni jew jagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' **tlett (3) snin** millum, ikun jista' jiġi kkundannat għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni.

Wara illi l-ħati wera' li jrid iħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation.

Għalhekk tordna li l-ħati Ahmad Ilewi detentur tal-karta ta' l-identita' numru 104865A ikun għal perjodu ta' **tlett (3) snin** millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal ta' Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jżomm dak il-kuntatt meħtieg u mitlub mill-Uffiċjal tal-Probation maħtur lilu.

2. L-Uffiċjal tal-Probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur**.

3. Il-ħati għandu javvża immedjatament lill-Uffiċjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu.

4. Li għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess Uffiċjal tal-Probation, u partikolarment li huwa għandu, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, jirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

5. Li joqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation, intiżi li jgħinu lill-ħati biex ma jerġax jirrepeti r-reati jew jikkommetti reati oħra, u b'mod partikolari li jsegwi t-terapija moghtija lilu sabiex jindirizza l-problemi psikologici tieghu specjalment imma mhux limitatament ta' 'anger management'.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħati u lid-Direttur inkarigat mill-Uffiċju tal-Probation Services u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

.......................................................

(Firma tal-Persuna suggetta ghal Ordni ta' Probation)

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D, Adv. Trib. Eccles. Melit.

...............................

Deputat Registratur

...............................

Magistrat

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## ORDNI TA' PROTEZZJONI

*(SKOND L-ARTIKOLU 412 Ċ TAL-KAP 9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**ILLUM 15 t'April 2021**

**PULIZIJA**

**Vs**

**Ahmad Ilewi**
**(104865A)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors/ Semgħat il-Partijiet;

Wara li rat l-Artikolu 412 Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Tordna Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat **Ahmad Ilewi** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 104865A taħt is-segwenti kundizzjonijiet:

a) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat/a milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta' **Tourkia Alhmadh.**

b) Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat/ għal perjodu ta' **tlett (3) snin** ġewwa l-fond fejn tirrisjedi/jirrisjedi/u, jaħdem/taħdem jew j/tiffrekwenta **Tourkia Alhmadh** kif wkoll jekk l-akkużat/a ikollu/a xi interess legali f'dak il-fond;

c) Tipprojbixxi lill-akkużat/a milli j/tikkuntattja jew j/timmolesta lil **Tourkia Alhmadh.**

d) Din l-Ordni ta' Protezzjoni tibqa' fis-seħħ għal perjodu ta' **tlett (3) snin** millum.

e) Jekk mingħajr raġuni valida l-akkużat/a j/tikser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu/a jista' jekk j/tinstab ħati/a jeħel multa ta' sebat elef Ewro (€7,000) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn, jew it-tnejn li huma.

Magistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D, Adv. Trib. Eccles. Melit.

Maġistrat

Akkużat

KRIM 30.2011

Kump/Prel. Investigation No 53/2020.

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
*COURT OF MAGISTRATES (MALTA)*

**Garanzija Personali maghmula mill-persuna Imputata/Akkuzata**
*Recognizance entered into by the Person Charged/Accused*

**JIENA, hawn taht iffirmat, ghal dak kollu li jghid u jrid l-artikolu 579 tal-Kodici**
*I, the undersigned, for all intents and purposes of Section 579 of the Criminal Code*

**Kriminali u d-digriet ta' din il-Qorti ta'** 15 t' April 2021.
*and the decree of this Court dated*

**nobbliga ruhi li jekk nikser wahda jew aktar minn wahda mill-obbligazzjonijiet imsemmija**
*bind myself that if I fail to honour one or more than one of the obligations mentioned in the said*

**fl-imsemmi digriet u/jew fl-artikolu fuq citat, inhallas lill-Gvern ta' Malta s-somma ta':**
*decree and/or the above-mentioned section, to pay the Government of Malta the sum of:*

..........................................................................................

**u ghal dan naghmel tajjeb bil-garanzija ta'** €3,000 (tlett elef euro) personali.
*and for this purpose I produce as surety*

**Illum,** 15 t' April 2021
*Today,*

| | |
|---|---|
| [signature] | 104865(A) |
| **Firma tal-persuna Imputata/Akkuzata**<br>*Signature of Person Charged/Accused* | **Nru. tal-Karta ta' l-Identita'/Passaport**<br>*I.D. Card Number/Passport* |

**Moghtija u ffirmata quddiemi**
*Given and signed before me*

Maria Ruth Ciantar
Deputat Reġistratur

Maġistrat
Dr Astrid May Grima
B.A., LL.D, Adv. Trib. Eccles. Melit

**D./Registratur**
*D./Registrar*

**Magistrat**
*Magistrate*

KRIM/02/11